# Kundizzjonijiet meħtieġa għaċ-Ċertifikazzjoni ECO

**Kriterji Mandatorji - konformita` ta' 100% (51 minn 51)**
**Kriterji Volontarji - minimu ta' 50% konformita` (19 minn 38)**

## Sezzjoni nru. 1: Sistema ta' Mmaniġjar Sostenibbli

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 101 | Il-maniġment irċieva taħriġ fuq l-effetti ambjentali kkawżati mit-turiżmu. | Mandatorja |
| 102 | Il-lukanda implimentat sistema ta' mmaniġjar sostenibbli fit-tul adatta għar-realta' u l-iskop tal-lukanda, u li tindirizza materji ambjentali, soċjali, kulturali, ekonomiċi u kif ukoll dawk marbuta mal-kwalita' u s-saħħa u sigurta'. Din is-sistema ta' mmaniġjar għandha tinkludi politika b'miri speċifiċi (disponibbli għall-impjegati kollha) u l-moniteraġġ tal-istess miri msemmija. | Mandatorja |
| 103 | Il-lukanda għandha persuna responsabbli mis-sistema ta' mmaniġjar sostenibbli. | Mandatorja |
| 104 | L-impjegati rċievew taħriġ rigward l-irwolijiet u r-responsabiltajiet rispettivi tagħhom f'dawk li jikkonċernaw materji ambjentali, soċjali, kulturali, ekonomiċi u kif ukoll dawk marbuta mal-kwalita' u s-saħħa u s-sigurta'. | Mandatorja |
| 105 | Fil-perjodu mill-aħħar eżerċizzju ta' awditjar, il-lukanda ipparteċipat jew organizzat inizjattivi ambjentali, kif ukoll inizjattivi mmirati għall-iżvilupp soċjali u infrastrutturali tal-komunita'. | Mandatorja |
| 106 | Il-lukanda tappoġġja b'mod attiv inizjattivi favur l-iżvilupp tal-infrastruttura lokali u l-komunita' soċjali li fost oħrajn jinkludu l-oqsma tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, tas-saħħa u tas-sanita'. | Mandatorja |
| 107 | Il-lukanda hi konformi mar-regolamenti u l-liġijiet lokali w'internazzjonali kollha applikabbli (dawn jinkludu fost oħrajn l-oqsma tas-saħħa, is-sigurta', ix-xogħol u l-ambjent). | Mandatorja |

## Sezzjoni nru. 2 : L-Immaniġjar tal-Iskart

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 201 | Il-livell ta' skart qed jiġi mkejjel u numru ta' mekkaniżmi huma fis-seħħ sabiex dan jonqos; fejn tnaqqis mhux vijabbli, ir-rimi tal-iskart għandu jsir permezz ta' kuntrattur liċensjat. | Mandatorja |
| 202 | Tiġi implimentata skema għall-immaniġjar tal-iskart separabbli (minimu ta' 3 mill-lista li ġejja: ħġieġ, plastik, karta, metall, skart organiku). | Mandatorja |
| 203 | Batteriji u żjut użati jiġu riċiklati skond kif jipprovdu l-liġijiet ambjentali. | Mandatorja |
| 204 | Il-lukanda tagħti garanzija li d-destinazzjoni finali ta' oġġetti b'CFC jew simili, hija skond kif jipprovdu l-liġijiet ambjentali. | Mandatorja |
| 205 | Il-lukanda għandha kuntrattur liċensjat għall-immaniġjar tal-iskart sabiex jiddisponi mill-iskart perikoluż. | Mandatorja |
| 206 | Il-lukanda qed timminimizza l-użu ta' oġġetti disponibbli u konsumabbli. | Mandatorja |
| 207 | Il-lukanda għandha kamra adatta għall-iskart, miżmuma f'kundizzjoni tajba u għandha sistema ta' arja kkundizzjonata. | Volontarja |
| 208 | Il-lukanda qed timinimizza l-użu tal-karti. | Volontarja |
| 209 | Tiġi mħaddma sistema sabiex ložor, xugamani, u tvalji mormija jinstabilohom użu alternattiv. | Volontarja |
| 210 | Magni li jikkumpressaw l-iskart (waste compactors) bħall kartun u/jew skart tal-ikel , huma nstallati u qed jiġu mħaddma | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 3: Xiri

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 301 | Il-lukanda għandha politika għax-xiri li tifavorixxi prodotti u oġġetti favur l-ambjent għall-meterjal tal-bini, oġġetti kapitali, ikel u oġġetti konsumabbli. | Mandatorja |
| 302 | Il-lukanda qed tnaqqas jew telimina prodotti tat-tindif u deterġenti li huma korrużżivi u/jew jinkludu fosfat u bliċ. | Mandatorja |

| | | |
|---|---|---|
| **303** | Il-lukanda qed tnaqqas jew tissostitwixxi pestiċidi u sustanzi oħra li jgħamlu ħsara lill-ambjent (e.ż. Żebgħa). | Mandatorja |
| **304** | Il-lukanda qed tuża prodotti tat-tindif li huma bijodegradabbli. | Mandatorja |
| **305** | Il-lukanda qed tagħmel użu minn *white goods* ta' klassi 'A', b'teknoloġija nadifa. | Mandatorja |
| **306** | Prodotti b'CFC jew simili qed jiġu sostitwiti bi prodotti aktar ekoloġiċi. | Mandatorja |
| **307** | Il-lukanda qed tixtri prodotti lokali. Tal-anqas 10 mill-lista li ġejja għandhom parzjalment jinxtraw lokalment: Ħalib, Bajd, Frott, Ħaxix, Żejt, Majjal, Ċanga, Ħaruf, Tiġieġ, Ħut, Ilma Minerali, Inbid, Birra. | Mandatorja |
| **308** | Qed jinxtraw u jiġu offruti prodotti u servizzi lokali li jsegwu l-prinċipji tal-kummerċ ġust. | Mandatorja |
| **309** | Qed tintuża karta riċiklata jew ekoloġika għall-materjal promozzjonali (fuljetti). | Volontarja |
| **310** | Qed tintuża karta riċiklata jew ekoloġika għall-posta (*letterheads*). | Volontarja |
| **311** | Qed tintuża karta riċiklata jew ekoloġika għall-użu ieħor fl-uffiċju (e.ż. karti għall-fotokopji). | Volontarja |
| **312** | Qed tintuża karta riċiklata jew ekoloġika għas-srievet. | Volontarja |
| **313** | Qed tintuża karta riċiklata jew ekoloġika għar-rombli tat-tojlit. | Volontarja |
| **314** | Qed tintuża karta riċiklata jew ekoloġika għax-xugamani tat-tojlits pubbliċi. | Volontarja |
| **315** | Qed tintuża inka (*toners*) riċiklata għall-ipprintjar intern. | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 4: Kontroll ta' Kimiċi

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| **401** | Il-Kimiċi perikolużi u l-prodotti tat-tindif qed jiġu maħżuna b'mod korrett. | Mandatorja |
| **402** | Il-livelli ta' klorin fil-pixxini qed jiġu mmoniterjati kuljum. | Mandatorja |
| **403** | Is-sistema tal-arja kkundizzjonata u l-kmamar kesħin jiġu mmoniterjati regoralment biex tiġi evidata xi likiġ. | Mandatorja |
| **404** | Jiġi miżmum reġistru fuq il-prodotti kimiċi kollha li jintużaw għall-kontroll tal-insetti. | Mandatorja |
| **405** | Tiġi mħaddma sistema biex jitnaqqas jew jiġi eliminat l-użu tal-klorin fil-pixxini (eż. *Ionizers*, ilma mielaħ klorinizzat, eċċ). | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 5: Enerġija

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| **501** | Jintużaw prodotti tad-dwal effiċjenti u li jikkunsmaw inqas enerġija f'żoni pubbliċi u fil-kmamar tal-lukanda (tal-anqas 50% tad-dwal). | Mandatorja |
| **502** | Jintużaw kontrolli awtomatiċi għall-illuminazzjoni interna f'tal-anqas 50% tal-kmamar. (F'każ li d-dwal ma jintefiex b'mod awtomatiku, għandu jkun hemm informazzjoni viżibbli lill-klijenti li jfakkarohom jitfu d-dwal kollha qabel ma jitilqu mill-kamra. | Mandatorja |
| **503** | Jintużaw kontrolli awtomatiċi għas-sistema tal-arja kkundizzjonata fit-twieqi u l-bibien tal-kmamar. (F'każ li s-sistema tal-arja kkundizzjonata ma tintefiex b'mod awtomatiku, għandu jkun hemm informazzjoni viżibbli lill-klijenti li jfakkarohom jitfu s-sistema qabel ma jiftħu t-twieqi). | Mandatorja |
| **504** | *Power factor correction* hija nstallata u operattiva. | Volontarja |
| **505** | *Voltage optimisation* hija nstallata u operatrtiva. | Volontarja |
| **506** | Kontrolli awtomatiċi għall-illuminazzjoni esterna huma nstallati u operattivi. | Volontarja |
| **507** | Sistema ta' arja kkundizzjonata ċentralizzata hija nstallata u operattiva. | Volontarja |

| | | |
|---|---|---|
| 508 | Kontrolli awtomatiċi indipendenti għas-sistema tal-arja kkundizzjonata fil-kmamar tas-sodda huma nstallati u operattivi. | Volontarja |
| 509 | *Presence sensors (PIR)* huma nstallati u operattivi fil-kurituri. | Volontarja |
| 510 | Presence sensors (PIR) huma nstallati u operattivi fit-tojlits pubbliċi. | Volontarja |
| 511 | Magni elettriċi li jnixxfu l-idejn b'kontrolli awtomatiċi huma nstallati u operattivi. | Volontarja |
| 512 | *Building Management System* (BMS) hija nstallata u operattiva. | Volontarja |
| 513 | Il-bini huwa nstallat b'insulazzjoni termali. | Volontarja |
| 514 | Sistemi għall-irkupru tas-sħana żejda huma nstallati u operattivi. | Volontarja |
| 515 | Tiġi wżata enerġija alternattiva għad-dwal, tisħin jew għall-skopijiet oħra. | Volontarja |
| 516 | Programm preventiv għall-manutenzjoni tat-tagħmir elettriku huwa fis-seħħ. | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 6: Ilma

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 601 | Programm preventiv għall-manutenzjoni tat-tagħmir tal-ilma huwa fis-seħħ. | Mandatorja |
| 602 | Il-lukanda taħżen l-ilma tax-xita u tagħmel użu minnu. | Mandatorja |
| 603 | Id-doċoċ tal-kmamar huma mgħammra b'mezzi li jiffrankaw il-konsum tal-ilma. | Mandatorja |
| 604 | Il-viti tal-ilma tas-sinkijiet huma mgħammra b'mezzi li jiffrankaw il-konsum tal-ilma. | Mandatorja |
| 605 | Il-ġwiebi tal-ilma huma mgħammra b'mezzi li jiffrankaw il-konsum tal-ilma (eż. Sistema *dual flush* ). | Mandatorja |
| 606 | Il-klijenti jiġu mogħtija l-għażla sabiex jagħmlu użu mill-ġdid tax-xugamani u l-lożor. | Mandatorja |
| 607 | Ilma użat u *RO reject* jiġu trattati b'mod effettiv qabel ma jintrema fl-ambjent (applikabbli biss fejn isir rimi dirett). | Mandatorja |
| 608 | Il-livelli tal-ilma tal-pixxini jiġu mmonitorjati ta' spiss (sabiex jiġu identifikati xi likiġis, eċċ). | Volontarja |
| 609 | Sinkijiet f'żoni pubbliċi huma mgħammra b'kontrolli awtomatiċi. | Volontarja |
| 610 | Doċċi f'żoni pubbliċi huma mgħammra b'kontrolli awtomatiċi. | Volontarja |
| 611 | Impjant li jitratta l-ilma użat huwa nstallat u operattiv. L-ilma trattat qiegħed jerġa' jintuża. | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 7: Kwalita' tal-Arja

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 701 | Il-lukanda timplimenta prattiċi li jnaqqsu jew jikkumpensaw għall-gassijiet li jżidu t-tisħin tal-atmosfera (greenhouse gases). | Mandatorja |
| 702 | It-tipjip huwa projbit f'uħud jew fil-kmamar kollha tal-lukanda. Tabelli li jindikaw li t-tipjip huwa projbit għandhom ikunu viżibbli. | Volontarja |
| 703 | Emmissjonijiet li joħorġu mill-bojler qed jiġu mmonitorjati. | Volontarja |
| 704 | Il-maniġment qiegħed jinforma u jinkoraġixxi l-klijenti sabiex jużaw it-trasport pubbliku u r-roti. | Volontarja |
| 705 | Il-maniġment qieghed jinforma u jinkoraġġixxi lill-impjegati sabiex jużaw it-trasport pubbliku, r-roti jew trasport komuni bejniethom (*car sharing* ). | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 8: Storbju

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 801 | Prattiċi huma fis-seħħ sabiex jonqos l-istorbju ġġenerat mill-operat tal-lukanda. | Mandatorja |
| 802 | Jiġi użat ħġieġ doppju jew xi tip ta' insular ieħor sabiex jonqos l-impatt tal-istorbju minn barra. | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 9: Bini u Żoni ħodor

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 901 | Il-maniġment jimplimenta prattiċi sabiex jonqos it-tniġġis mid-dawl. | Mandatorja |
| 902 | Il-maniġment jimplimenta prattiċi sabiex jonqos it-tniġġis miċ-ċarċir tal-ilma u l-erożjoni. | Mandatorja |
| 903 | Jiġu wżati pjanti indiġeni fiż-żoni esterni tal-lukanda u jittiħdu miżuri preventivi kontra l-introduzzjoni ta' speċi aljeni invażivi. | Mandatorja |
| 904 | It-tisqija tal-pjanti ssir kmieni filgħodu u/jew tard filgħaxija. | Mandatorja |
| 905 | Titħaddem sistema ta' tisqija awtomatika f'ġonna esterni sabiex jiġi frankat l-ilma. | Mandatorja |
| 906 | Iż-żoni esterni tal-lukanda, inkluż il-ġonna huma fil-biċċa l-kbira tagħhom imħawla bi pjanti li jikkunsmaw ftit ilma. | Volontarja |
| 907 | Il-lukanda tipproduċi l-kompost li tuża. | Volontarja |

## Sezzjoni nru. 10: Il-Kultura lokali u l-Inħawi naturali

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 1001 | Il-lukanda qed tieħu l-inizjattiva sabiex tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' siti storikament jew kulturalment importanti. | Mandatorja |
| 1002 | Elementi ta' arti, arkitettura u wirt kulturali lokali (inkluż wirt kulinari) huma nklużi fid-disinn, fid-dekorazzjoni u fl-operat tal-lukanda. | Mandatorja |
| 1003 | Il-lukanda toffri appoġġ lin-negozji żgħar sabiex jiżviluppaw u jbiegħu prodotti lokali li huma sostenibbli (eż. Ikel u xorb, xogħol ta' snajja, arti teatrali). | Mandatorja |
| 1004 | It-tfixkil tal-ekosistemi naturali huma minimi u kkumpensati permezz ta' mmaniġjar ta' riabilitazzjoni/konservazzjoni, fejn applikabbli. | Mandatorja |

## Sezzjoni nru. 11: Komunikazzjoni mal-Klijenti

| Kodiċi | Kriterju | Tip |
|---|---|---|
| 1101 | Il-lukanda tagħti informazzjoni rigward l-inħawi naturali u l-wirt kulturali lokali (inkluż avvenimenti kulturali), kif ukoll informazzjoni rigward l-imġiba adatta tal-viżitatur (fejn applikabbli). | Mandatorja |
| 1102 | Dokument b'kodiċi ta' kondotta għall-attivitajiet li jsiru f'postijiet indiġeni u f'komunitajiet lokali huwa fis-seħħ u qed jiġi mplimentat bil-kollaborazzjoni u l-kunsens tal-komunita' affetwata (fejn applikabbli). | Mandatorja |
| 1103 | Il-lukanda tagħti informazzjoni lill-klijenti rigward inizjattivi u attivitajiet lokali ambjentali li jistgħu jipparteċipaw fihom. | Mandatorja |
| 1104 | Is-sodisfazzjon tal-klijent, inkluż l-aspetti sostenibbli, qed jiġu mkejla u jittiħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex in-nuqqasijiet jiġu korretti. | Mandatorja |
| 1105 | Il-materjal promozzjonali kollhu huwa preċiż u komplut f'dak li jirrigwardja l-organizzazzjoni u l-prodotti u s-servizzi li toffri, inklużi aspetti li jikkonċernaw is-sontenibbilta' tal-organizzazzjoni. Fl-ebda' punt m'hu qed jiġi mwiegħed aktar minn dak li fil-fatt qiegħed jingħata. | Mandatorja |
| 1106 | Il-lukanda tagħti informazzjoni u tinkoraġġixxi l-klijenti biex jipparteċipaw fil-programm tal-immaniġjar tal-ambjent. | Volontarja |
| 1107 | Ir-riżultati tas-sistema tal-immaniġjar tal-ambjent qed jiġu kkomunikati b'mod effettiv lil klijenti. | Volontarja |